MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tad-29 ta' April, 2005

Citazzjoni Numru. 1500/1992/1

Kawza fil-lista: 41

**John Paul Schembri u b' digriet tal-Qorti datat 6 ta' Gunju 2003 giet ordnata t-trasfuzzjoni tal-gudizzju f' isem Noel, Sonia u Robert, ahwa Schembri, stante l-mewt tal-attur**
**Vs**
**Rita u Maria xebbiet Azzopardi, Nazzarena mart Nikola Zammit, Nikolina mart Giuseppe Bugeja u l-istess Nikola Zammit u Giuseppe Bugeja, fil-kwalita' taghhom ta' kap tal-komunjuoni tal-akkwisti u amministraturi tal-beni paraferrnali ta' marthom, Giuseppe Azzopardi, Abraham Azzopardi u Anna mart Giovanni Paolo Schembri, u b' digriet tal-15 ta' Mejju 2004 gew nominati kuraturi deputati Dr.Mark Busuttil u l-PL.Victor Bugeja sabiex jirrapprezentaw lil l-eredi ta' Abraham Azzopardi**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attur ippremetta u talab hekk:

Peress illi l-attur ippresta diversi servigi lill-mejjet Carmelo Ciantar, bin il-mejtin Giuseppe w Carmela nee Micallef li miet fil-15 ta' April 1992.

Peress illi l-mejjet Carmelo Ciantar miet testat u cioe' testment tas-16 ta' April 1990, tal-24 ta' Gunju 1990 u tas-17 ta' Frar 1992 fl-atti tan-Nutar Dottor Nikola Said hawn anness u mmarkat bhala Dokument A, B, u C.

Peress illi l-mejjet Carmelo Ciantar halla bhala l-werrieta tieghu l-atturi fuq imsemmija ad eskluzzjoni tal-konvenut.

Peress illi l-mejjet Carmelo Ciantar kien wieghed lill-attur li huwa ser ihalli lill-attur xi beni.
Peress illi l-attur ma giex kompensat ghas-servigi li huwa ppresta lil Carmelo Ciantar.

Peress illi l-attur interpella lill-konvenuti biex jersqu ghal likwidazzjoni tas-servigi minnu rezi mill-mejjet Carmelo Ciantar pero' baqghu inadempjenti.

Jghidu l-konvenuti ghar-ragunijiet premessi w prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. tiddikjara u tiddeciedi li l-konvenuti huma responsabbli ghall-hlas tas-servigi rezi mill-mejjet Carmelo Ciantar.

2. tillikwida l-kumpens dovut lill-attur ghall-istess servigi rezi jekk hemm bzonn bl-opera tal-periti nominandi.

3. tikkundanna lill-konvenuti jhallsu lill-attur in linea ta' servigi dak il-kumpens hekk likwidat.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-ittra legali tal-20 ta’ Awissu 1992 u tad-9 ta’ Settembru 1992 u bl-ingunzjoni tal-konvenuti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li biha eccepew:

1. Illi fl-ewwel lok l-attur ghandu jipprova s-servigi allegatament resi minnu.

2. Illi minghajr pregudizzju ghas-sue espost kull servigi li l-attur talvolta rrenda lill-awtur tal-konvenuti gew adegwatament ikkompensati mill-istess.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet u l-listi tax-xhieda;
Rat l-atti kollha tal-kawza;
Semghet il-provi bil-gurament;
Ikkunsidrat;

**Kwadru tal-fatti**
Illi permezz tal-proceduri odjerni l-attur qed jitlob li l-konvenuti jigu kkundannati jhallsuh tas-servigi li hu jsostni li rrenda lil Carmelo Ciantar li jigi z-ziju tal-mara tieghu, l-konvenuta Anna Schembri, u li miet fil-15 ta’ April 1992 circa sentejn wara li kienet tatu puplesija. L-attur isostni li matul dan il-perijodu, u senjatament wara li l-imsemmi Carmelo Ciantar sofra attakk ta’ puplesija fit-3 ta’ Marzu 1990 , dana ma setax jghix wahdu, u allura hu u martu Anna Schembri kienu ftehmu mieghu li dawn iduru bih bil-lejl u bin-nhar sakemm imut u hu, minn naha tieghu weghdhom li jikkompensahom billi jinkludihom specifikatament fil-wirt tieghu.

Mill-provi jirrizulta li fl-16 ta’ April 1990, u cioe’ xahar u gimgha wara li kienet tatu l-puplesija, Carmelo Ciantar ghamel testment in atti Nutar Dottor Nicola Said, fejn, inter alia, halla b’ titolu ta’ legat lill-attur u lill-imsemmija martu d-drittijiet ta’ lokazzjoni tal-ghalqa fil-limiti tas-Siggiewi, u fis-seba [7] Artikolu halla b’ titolu ta’ prelegat lill-imsemmija <u>Anna Schembri</u> id-dar is-Siggiewi Saint James Street numru hamsa u tletin [35] “u dan bi hlas tas-servigi

u assistenzi li qeghda [sic] tipprestalu bin-nhar u bil-lejl u ta' dawk li tista' tibqa tipprestalu sal gurnata tal-mewt tieghu."[1]

Illi b' testment sussegwenti datat 27 Gunju 1990 in atti tal-istess Nutar, l-imsemmi Carmelo Ciantar hassar is-seba artikolu tat-testment precitat u minflok, halla b' titolu ta' prelegat l-imsemmi fond lill-imsemmija Anna Schembri u lil konvenuta Rita Azzopardi fi kwota ta' nofs indiviz kull wiehed.

Illi fid-deposizzjoni tieghu, korroborata minn martu l-konvenuta Anna Schembri, l-attur sostna li wara l-puplesija Carmelo Ciantar ma kienx fi stat li jghix wahdu u kellu bzonn ta' ghajnuna kwotidjana. Huwa jghid li kien jorqod mieghu erba darbiet fil-gimgha, u kien ikollu iqum mieghu fl-4.00 am u jorqod mieghu f' inzul ix-xemx. Kien jippreparalu l-kafe' u jaghmillu "kull ma kien hemm bzonn"[2], anke kien jnaddaf l-hmieg tieghu minn fuqu u minn fuq is-sodda tieghu. Martu minn naha taghha kienet tqaxxarlu l-lehja, tiehu hsieb il-hasil tal-hwejjeg u ggiblu l-ikel f' nofs in-nhar. Filghaxija l-ikel kienet tiehu hsiebu l-konvenuta Rita Azzopardi. L-attur isostni li huwa kien rrenda dawn is-servigi minhabba l-weghda ta' kumpens da parti ta' Carmelo Ciantar u precisament minhabba li fit-testment tieghu tas-16 ta' April 1990 dana kien halla l-imsemmija dar lil mara tieghu Anna Schembri. Jsostni li la hu u lanqas il-mara tieghu ma kienu hadu kumpens waqt hajtu u lanqas kienu jigu rimborzati ta' l-ispejjez li kienu jinkorru a beneficju tieghu. L-attur jghid ukoll li ma kienx konxju tal-fatt li circa xaharejn wara l-ewwel testment, Carmelo Ciantar kien irrevoka s-seba artikolu u kien halla nofs indiviz tad-dar lill-imsemmija Rita Azzopardi. L-attur pero' fuq mistoqsija tad-difensur tal-kontro parti qal li ma setax jispjega ghaliex Carmelo Ciantar kien ingannah b' dan il-mod.[3]

L-attur fit-tezi tieghu gie korroborat minn martu l-konvenuta Anna Scehmbri li fix-xhieda taghha kkonfermat

---
[1] Fol.7 – sottolinear tal-Qorti
[2] Fol.35
[3] Fol.39

li lil Carmelo Ciantar kienet taghmillu s-sodda, tahsillu l-hwejjeg u anke tahsillu l-art darba fil-gimgha, kif ukoll ittellalu l-ikel f' nof in-nhar, filwaqt li filghaxija l-ikel kienet ittellaghhulu Rita Azzopardi. Ikkonfermat ukoll l-ezistenza tal-ftehim li kien sar bejnha, zewgha u z-ziju taghha l-imsemmi Carmelo Ciantar li dana "Jhallilna l-post biex ahna nduru bih."[4] Anna Schembri tghid li hi kienet torqod mieghu circa darbtejn fil-gimgha, filwaqt li fil-ljieli l-ohra tal-gimgha kien jorqod mieghu l-attur: "ghal sentejn shah, xitwa u sajf"[5]. Anki hi kienet inkonsapevoli tal-bdil li sar fit-testment tas-16 ta' April 1990 u saret taf wara li kien miet Carmelo Ciantar.

Illi l-konvenuti l-ohra, ghajr ghal konvenuta Anna Schembri, minn naha taghhom taw versjoni differenti li tikkuntrasta mal-versjoni attrici. In sostanza huma sostnew li, anke wara li tatu l-puplesija, Carmelo Ciantar baqa' attiv u in fatti kien imur il-quddies wahdu bil-mixi. Il-konvenut Joseph Azzopardi qal li huwa kien joqghod ghassa u lill-attur qatt ma kien jarah diehel ghand Ciantar. Jghid ukoll li fl-ahhar sentejn ta' hajtu Carmelo Ciantar ghamel gimghatejn biss fis-sodda. Ikkonferma pero' li kienet torqod mieghu Anni Schembri meta dina ma kienitx tkun xoghol. Dan il-konvenut qal li Carmelo Ciantar kien qallu li "mort inhassar it-testment ghax ma darux bija, hi ghamlet ta' rasha u jien naghmel ta' rasi, tigi meta trid hi."[6] Qal li l-facendi lil Ciantar kienet taghmilhomlu l-konvenuta Maddalena Bugeja ghal tletin sena shah, filwaqt li l-konvenuta Anna Schembri kienet "indahhlet" fl-ahhar sentejn. Dan il-fatt gie kkonfermat mill-istess Maddalena Bugeja. Din ikkonfermat ukoll li Carmelo Ciantar dejjem kien b' sahhtu u li fis-sodda ghamel biss l-ahhar gimgha ta' hajtu. Lill-attur qatt ma kienet ratu fid-dar ta' Ciantar jew diehel ghandu. Fl-ahhar sentejn ta' hajtu, hi u Anna Schembri kienu jahslu l-art flimkien, u Carmelo Ciantar kien jghinhom. Ikkonfermat li ghal zmien twil Rita Azzopardi kienet tohdlu l-ikel.

---

[4] Fol.45
[5] Fol.46
[6] Fol.75

Il-konvenuta Nazzarena Zammit qalet li Carmelo Ciantar kien jghidilha li Anna Schembri kienet tohodlu l-ikel f' nof in-nhar, u li meta tatu l-puplesija kienet taf li Ciantar ried li xi hadd jorqod mieghu, izda ma kienet rat lil had jorqod mieghu.

Il-konvenuta Rita Azzopardi fix-xhieda taghha qalet li hija kienet ilha ttella' l-ikel lil zijuha Carmelo Ciantar mis-sena 1979 meta mietet martu. Anke fiz-zmien in kwistjoni, cioe' matul is-sentejn qabel ma' miet, hija kienet tmur kuljum fil-hamsa biex taghtih l-ikel. Hija qalet li fil-5.00 pm kienet tara lill-attur, u dan kien itellalu x-xema ghal go l-kamra tas-sodda, izda meta sussegwentment kienet terga' tmur ghal habta tat-8.00 pm u gieli kienet iddum sal-10.00 pm hija ma kienet tara lil hadd rieqed hemmhekk u Carmelo Ciantar qatt ma qallha li kien jorqod mieghu xi hadd. Qalet ukoll li ohtha l-konvenuta Maria Azzopardi gieli kienet tmur tghin lil Anna Schembri tahsillu. Hija sostniet li hi qatt ma rat lil Anna Schembri jew lill-attur rieqdin ghand Carmelo Ciantar, u "qatt ma kelli hjiel li Anna Schembri kienet torqod maz-ziju."[7] Qalet li "iz-ziju baqa' johrog u jiehu hsieb tieghu nnifsu sa gimgha qabel ma miet."[8]

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**

Fl-ewwel lok ghandu jigi osservat in vena legali li onus probandi incumbit ei qui dicit non ei qui negat, u ghalhekk huwa l-attur li ghandu l-oneru tal-prova tal-fatti minnu allegati. Illi sabiex l-attur jirnexxi fl-azzjoni odjerna, jehtieg li huwa jipprova [1] li fil-fatt <u>huwa</u> rrenda servigi lil Carmelo Ciantar; u [2] f' kaz affirmattiv, li ma giex kumpensat jew kumpensat adegwatament ghal dawn is-servigi. Din hi prova li tispetta lill-attur, u lill-attur biss; u ghalhekk kien fl-interess tal-istess attur li jtella l-provi kollha in sostenn tat-tezi tieghu.

Il-Qorti thoss li ghandha taghmel emfasi fuq dan l-aspett tal-gudizzju, ghax mill-atti jirrizulta li l-attur strah fuq ix-xhieda tieghu korroborota minn martu l-konvenuta Anna

[7] Fol.94
[8] Fol.92

Schembri, u dana meta kien jidher manifest mill-bidu li l-konvenuti kienu qeghdin jikkontestaw kemm l-allegazzjoni dwar il-prestazzjoni tas-servigi, kif ukoll it-talba ghall-kumpens.[9]
Il-Qorti wara ezami akkurat tad-deposizzjonijiet tax-xhieda, hija tal-fehma li l-attur ma rnexxielux jipprova b' mod sodisfacenti dak li kien qed jallega, u dana in bazi ghas-segwenti konsiderazzjonijiet:

[1] Illi fl-ewwel lok jigi osservat li l-legat remuneratorju indikat fl-Artikolu seba tat-testment tas-16 ta' April 1990 huwa skolpit f' termini precizi kemm ghal dak li jirrigwarda l-iskop tieghu, kif ukoll ghal dak li jirrigwarda identita' tal-persuna ntitolata ghall-istess legat. Il-Qorti tosserva li l-prelgat huwa mholli lil Anna Schembri, u mhux lir-ragel taghha l-attur " u dan bi hlas tas-servigi u assistenzi li qeghda tipprestalu bin-nhar u bil-lejl u ta' dawk li tista' tipprestalu sal gurnata tal-mewt tieghu."[10]

Minn din id-disposizzjoni testamentarja jirrizulta manifest u in iscriptum li fiz-zmien li sar dan it-testment kienu qedin jigu prestati servigi lit-testatur mill-konvenuta Anna Schembri, kemm bil-lejl u kemm bin-nhar. Inoltre, jirrizulta car li l-intenzjoni tat-testatur kienet li dawn is-servigi da parti taghha kellhom jibqghu jissussistu sal-gurnata tal-mewt tieghu. L-attur ma giex involut f' dan il-legat, la bhala beneficjarju u lanqas bhala persuna involuta fil-prestazzjoni tas-servigi li t-testatur espressament qal li kienu qed jigu rezi minn Anna Schembri.

[2] Illi t-tieni testment maghmul mit-testatur fis-27 ta' Gunju 1990 li permezz tieghu gie alterat dan il-legat bl-inseriment tal-konvenuta Rita Azzopardi, ghandu jigi nterpretat fid-dawl ta' dak indikat fl-Artikolu seba tat-testment precitat u senjatament ghall-hsieb li l-legat remuneratorju kellu jghodd bhala kumpens ghas-servigi li Anna Schembri kellha tibqa' taghmel lit-testatur sal-mewt tieghu. Ghaldaqstant il-fatt li t-testatur deherlu li kellu jinkludi wkoll lill-konvenuta Rita Azzopardi, fin-nuqqas ta'

[9] Nota eccezzjonijiet – fol.20
[10] Fol.9

prova kuntrarja, jindika [1] li t-testatur kellu ripensament dwar il-quantum tal-kumpens ghas-servigi li kienu qed jigu rezi minn Anna Schembri sussegwentement ghat-testment, kif ukoll [2] li huwa hass li kellu jinkludi wkoll lil Rita Azzopardi ghas-servigi li dina wkoll kienet qeda tipprestalu kif jirrizulta mill-provi u kif ammess mill-istess konjugi Schembri. F' dan ir-rigward l-attur ma ssemma mkien.

Jigi osservat ukoll li n-Nutar Dottor Nikola Said li rrediga z-zewg testmenti, ghalkemm gie indikat fil-lista tax-xhieda taz-zewg partijiet, dan ma giex prodott bhala xhud biex jigi stabbilit mill-Qorti x' diskors sar fl-okkazzjoni taz-zewg testmenti, u b' mod partikolari dak tas-27 ta' Gunju 1990.[11] Anke f' dan ir-rigward l-oneru tal-fatt allegat mill-attur li l-modifika fit-testment tas-16 ta' April 1990 ma kienitx gustifikata mic-cirkosanzi, stante li hu u martu kienu qed jipprestawlu s-servigi mehtiega, tirrisjedi fuq l-attur.

[3] Illi hija rilevanti l-konsiderazzjoni li, ghalkemm it-tezi tal-attur hija bazata fuq l-allegat fatt li wara li Carmelo Ciantar sofra attakk ta' puplesija dana ma kienx f' kundizzjoni li jghix wahdu u kien jiddependi minn ghajnuna kwotidjana ghal bzonnijiet personali tieghu, hija lampanti l-mankanza ta' prova dwar il-kundizzjoni ta' sahha ta' l-istess Carmelo Ciantar u senjatament ix-xhieda ta' tobba li ezaminawh kemm ezatt wara li tatu l-puplisija kif ukoll matul il-perijodu sussegwenti sakemm miet. Ix-xhieda ta' dawn it-tobba, bhala l-ahjar prova f' dan ir-rigward, kienet tkun determinanti ghall-kaz ta' l-attur, u ghalhekk in-nuqqas ta' din il-prova tippregudika l-kaz tieghu serjament, multo magis tenut kont tal-fatt allegat mill-konvenuti li Carmelo Ciantar baqa' fi stat tajjeb ta' sahha sa hmistax qabel ma miet. Sahansitra kien imur wahdu l-quddies bil-mixi [fatt ammess mill-istess attur fix-xhieda tieghu[12]].

Ghalhekk din l-allegazzjoni tal-atturi issib kuntrast dirett fix-xhieda tal-konvenuti, ghajr dik ta' martu; u huwa

[11] Jigi osservat li l-kompjant Nutar Dr.Nikola Said miet fid-29 ta' Dicembru 1997, filwaqt li c-citazzjoni odjerna giet prezentata fid-29 ta' Dicembru 1992
[12] Fol.35

principipju gurisprudenzjali sod li f' kaz ta' zewg verzjonijiet dijametrikalment konfliggenti dan ghandu jiffavorixxi lill-konvenuti; in kwantu kien dejjem l-obbligu ta' l-attur li jipprova l-allegazzjoni tieghu [App.Inf.Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited deciza fit-13.01.1999].

Dan in-nuqqas da parti ta' l-attur, kunsidrat fid-dawl tax-xhieda kontrastanti f' dan ir-rigward da parti tal-konvenuti, jippregudikaw il-kaz tieghu serjament, stante li l-attur naqas li jipprova li Carmelo Ciantar kellu bzonn dik l-ghajnuna kif minnu deskritt fix-xhieda tieghu, u ghalhekk tkompli tiddghajjef l-allegazzjoni tal-istess attur li huwa wkoll, apparti minn martu u minn Rita Azzopardi, kien ippresta dawk is-servigi matul il-perijodu ta' sentejn. Jinghad ukoll li l-fatt li persuna, anke anzjana ssofri attakk ta' puplesija, dan il-fatt wahdu ut sic ma jwassalx necessarjament ghall-konkluzjoni li dina pparalizzat lill-istess Ciantar ghal sentejn shah ghax hu maghruf li dan it-tip ta' attakk jolqot f' diversi gradi u jhalli effetti differenti fuq persuni differenti.

Dan premess u kkunsidrat il-Qorti hija tal-fehma li l-attur ma' rnexxielux jipprova l-fatti minnu allegati u li fuqhom huwa bazat il-kaz tieghu. Ghaldaqstant it-talbiet attrici ma jistghux jigu milqugha stante li ma jsibux sostenn fil-provi.

Ghal dawn il-motivi tichad it-talbiet attrici; bl-ispejjez.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------